# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 41**
**Rikors Guramentat Numru : 980/2013/LSO**

**(1) Alfred Baldacchino u b' digriet tad-19 ta' Mejju 2015 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f' isem Concetta Maria Baldacchino (ID 503537M)**

**(2) It-Tabib Christopher Mercieca;**

**(3) Stephen Mercieca u**

**(4) Catherine-Ann Mercieca**

**vs.**

**(1) Dr Joseph Ellis u l-PL Veronica Rossignaud li b' digriet tat-2 ta' Dicembru 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti :**

**(i) Josephine Tanti,**

**(ii) Paul Baldacchino,**

**(iii) Rita Depater,**

**(iv) Anthony Baldacchino,**

**(v) David Baldacchino, Carol Haldenby, Julie Baldacchino, Mark Baldacchino, John Baldacchino, u Paul Baldacchino, ilkoll ulied id-defunt Joseph Baldacchino;**

**(vi) Belinda Pawley, Tanya Sullivan u Mark Baldacchino, ilkoll ulied il-mejjet Mario Baldacchino; u**

**(2) Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Jean Pierre Busuttil b' digriet tat-2 ta' Dicembru 2013 gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti tal-mejta Doris**

**Borg nee` Baldacchino; u Dr Noel Camilleri b' nota tal-4 ta' Novembru 2013 assuma l-atti tal-kawza bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti tal-mejta Doris Borg nee` Baldacchino; u**

**(3) Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Nicholette Aquilina, li b' digriet tas-6 ta' Dicembru 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti tal-mejjet George Baldacchino**.

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Alfred Baldacchino [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 446837(M)], tat-Tabib Christopher Mercieca [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 476465(M)], ta' Stephen Mercieca [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 162469(M)] u ta' Catherine-Ann Mercieca [detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 49077(M)] datat 14 ta' Ottubru 2013, bir-rispett jesponu, u Alfred Baldacchino bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi l-kontendenti huma l-komproprjetarji tal-proprjeta` immobbli li hija esternament immarkata bin-numru 24, u li tinsab fi Triq l-Oratorju, Qormi (aktar ‘l isfel imsejha "il-Fond").

Illi l-esponenti ma jridux jibqghu aktar f’ komunjoni ta' proprjeta` tal-Fond.

Illi minkejja li l-komproprjetarji kollha gew imsejhin sabiex il-Fond jigi mibjugh fuq is-suq liberu, dawn baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-Fond ma jistax jigi maqsum bejn il-kontendenti bla xkiel u bla hsara u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur.

Illi ghalhekk permezz ta' din l-istanza l-esponenti qeghdin jinvokaw id-dritt moghti lilhom mill-artikolu 515 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap. 16) li l-Fond jigi mibjugh b'licitazzjoni sabiex il-prezz jinqasam bejn il-kontendenti skont il-kwoti appartenenti lilhom mill-Fond.

Illi l-esponenti Alfred Baldacchino jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-Fond, cioe` 24 Triq, l-Oratorju, Qormi, jappartjeni lill-kontendenti indivizament;

2. Tistabbilixxi l-kwota appartenenti lil kull wiehed mill-kontendenti mill-Fond;

3. Tiddeciedi u tiddikjara, prevja bl-opera ta’ Periti nominandi il-Fond ma jisax jigi maqsum bejn il-kontendenti bla xkiel bla hsara u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta’ xorta differenti izda tal-istess valuri;

4. Tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni tal-Fond skont kif mahsub fl-artikolu 515 *et seq* tal-Kodici Civili, inkluz bl-opera ta' periti nominandi sabiex jistmaw l-istess fond, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;

5. Taghti dawk l-ordnijiet u d-direttivi kollha necessarji skont kif mahsub fl-istess artikolu 515 tal-Kodici Civili *et seq,* inkluz l-ghazla ta' jum, hin, lok u l-hatra ta' rkantatur, sabiex isir il-bejgh b'licitazzjoni ordnat bis-sahha tat-talba precedenti,

u dan kollu previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2013.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 14 ta’ Ottubru 2013 a fol 21 tal-process fejn l-esponenti umilment talbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex

jirrapprezentaw lill-konvenuti assenti Rita Depater, Josephine Tanti, Paul Baldacchino, Anthony Baldacchino, Paul Baldacchino (bin id-defunt Joseph Baldacchino), David Baldacchino, Carol Haldenby, Julie Baldacchino, Mark Baldacchino (bin id-defunt Joseph Baldacchino), John Baldacchino, Belinda Pawley, Tanya Sullivan u Mark Baldacchino (bin id-defunt Mario Baldacchino) fl-atti kollha ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti, relattivi u ancillari, u dan prevja kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportuni; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u nnominat lill-Avukat Dr Joseph Ellis u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, u dan kif jidher bid-digriet moghti fit-2 ta’ Dicembru 2013 a fol 19 tal-process.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 14 ta’ Ottubru 2013 a fol 39 tal-process fejn l-esponenti umilment talbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta’ George Baldacchino fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohrajn kollha relattivi, sussegwenti u ancillari, u dan prevja kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportuni; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u nnominat lill-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina, u dan kif jidher bid-digriet moghti fis-6 ta’ Dicembru 2013 a fol 37 tal-process.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 14 ta’ Ottubru 2013 a fol 57 tal-process fejn l-esponenti umilment talbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta’ Doris Borg nee`

Baldacchino fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohrajn kollha relattivi, sussegwenti u ancillari, u dan prevja kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportuni; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u nnominat lill-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, u dan kif jidher bid-digriet moghti fit-2 ta' Dicembru 2013 a fol 55 tal-process.

Rat in-nota ta' Dr Noel Camilleri datata 4 ta' Novembru 2013 a fol 16 tal-process li biha qed jaccetta l-Bandu limitatament ta' Doris Borg li kuntrarju dak li qal ir-rikorrenti Alfred Baldacchino li jigi hu d-decujus Doris Borg huwa jaf min huwa l-eredi ta' Doris Borg tant li kkomunika mieghu qabel ma nfethet il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 a fol 74 tal-process fejn meta issejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghall-atturi. Irrizulta li Dr Noel Camilleri accetta l-bandu ghall-eredita` tal-intimata Doris Borg, il-Qorti ordnat li jsiru l-annotamenti mehtiega fl-atti, u ordnat ukoll li jsiru l-annotazzjonijiet rifferibbilment ghall-kuraturi l-ohra nominati, u halliet il-kawza ghan-notifika ghat-30 ta' Jannar 2014.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Dr. Joseph Ellis (Karta tal-Identita': 21763(G)) u l-P.L. Veronica Rossignaud (Karta tal-Identita`: 271354 (M)) fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti: (i) Josephine Tanti, (ii) Paul Baldacchino, (iii) Rita Depater, Anthony Baldacchino, (iii) David Baldacchino, Carol Haldenby, Julie Baldacchino, Mark Baldacchino, John Baldacchino, u Paul

Baldacchino, ilkoll ulied id-defunt Joseph Baldacchino; (iv) Belinda Pawley, Tanya Sullivan, u Mark Baldacchino, ilkoll ulied il-mejjet Mario Baldacchino datata 17 ta' Frar 2014 fejn eccepixxu bil-qima:

1. Illi huma, fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti: (i) Josephine Tanti, (ii) Paul Baldacchino, (iii) Rita Depater, Anthony Baldacchino, (iii) David Baldacchino, Carol Haldenby, Julie Baldacchino, Mark Baldacchino, John Baldacchino, u Paul Baldacchino, ilkoll ulied id-defunt Joseph Baldacchino; (iv) Belinda Pawley, Tanya Sullivan, u Mark Baldacchino, ikoll ulied il-mejjet Mario Baldacchino mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirrizervaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors ta' Concetta Maria Baldacchino datat 15 ta' April 2015 a fol 141 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tordna li l-gudizzju f' din il-kawza jigi trasfuz minn isem l-attur Alfred Baldacchino ghal isimha, u kif ukoll li tordna li tali trasfuzzjoni tigi debitament indikata kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza, inkluz fl-okku, u dan kollu prevja kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti kif hekk presjeduta rat li l-intimati debitament notifkati ma wegbux; u l-Qorti mid-digriet taghha tad-19 ta' Mejju 2015 (fol 155) laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f' isem ir-rikorrenti minn isem Alfred

Baldacchino ghal isimha, u ordnat li jsiru d-debiti korrezzjonijiet kull fejn hu mehtieg.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghall-atturi. Dr Simiana *in visto* tal-ahhar verbal talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza in difett ostakolu. Il-kawza giet posposta sabiex jidhru Dr Noel Camilleri u Dr Simon Micallef Stafrace, u sabiex Dr Joseph Ellis jiddikjara b'nota jekk jaqbilx mal-prospett. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr Noel Camilleri ghall-uhud mill-konvenuti u ddikjara li jaqbel mal-prospettipprezentat minn Dr Simiana. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi, minhabba li ma jridux jibqghu izjed fi stat ta' komproprjeta, qed jitolbu l-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` bin-numru 24, Triq l-Oratorju, Qormi appartenenti lill-partijiet indivizibbilment bejniethom.

Illi din il-Qorti trid tindaga dwar il-kwota appartenenti lil kull wiehed mill-partijiet, kif ukoll tara jekk it-talba ghall-bejgh b'licitazzjoni hiex ammissibli sabiex ir-rikavat ikun jista' jigi assenjat lill-partijiet skont il-kwoti rispettivi taghhom.

**Rapport tal-Perit Alan Saliba:**

B'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Ottubru 2014 gie nominat il-Perit Alan Saliba bhala perit arkitett (fol 91). Fir-rapport tieghu esebit a fol 127 *et sequitur* tal-process ikkonferma hekk:

*"Kemm minhabba fid-daqs tal-fond u kif ukoll minhabba fin-numru ta' kontendenti li qed jippartecipaw f'din il-qasma, dan il-fond mhux komodament divizibbli."*

Huwa ivvaluta l-fond fl-ammont ta' hamsa u sebghin elf ewro (€75,000).

Jirrizulta mid-deskrizzjoni peritali li dan il-fond in kwistjoni huwa mezzanin fl-ewwel sular bl-arja tieghu li jinsab sovrastanti ghall-garaxx ta' terzi. Inghad li l-proprjeta` tkopri kejl superficjali ta' circa 60 metru kwadru.(60 m. kw), u sabiex wasal ghall-kostatazzjonijiet tieghu, il-perit tekniku kkonsidra li, skont ic-'Central Malta Local Plan' mahrug mill-MEPA fl-2006, din il-proprjeta` tinsab f'zona residenzjali b' 'height limitation' ta' tlett sulari. Ghalhekk, l-arja fuq dan il-fond tista' tigi zviluppata.

Illi in segwitu, ma saritx talba ghall-periti perizjuri, fit-terminu taz-zmien, hekk kif stabbilit mil-ligi.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

Fil-kawza **"Grech Carmelo vs Dr. Tonio Azzopardi"** deciza fit-28 ta' Jannar 2005 intqal:

"*Illi l-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni, meta wiehed mis-sdien tal-fond ma jiridx jibqa' iktar bi shab ma' ohrajn, hija regolata bl-artikolu 515 sa 523 tal-kodici civili. Illi skont l-artikolu 518(1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita, u tista' ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi esegwita hija mhollija f'idejn il-Qorti."*

Il-bejgh b'licitazzjoni hu regolat bl-artikolu 515 *et sequitur* tal-Kap 16.

Illi ghalkemm il-bejgh b'licitazzjoni ta' beni immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha, jekk kemm 'il darba jsir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew ghax ma jkunx hemm fehma wahda bejn is-sidien kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi segwita hija mhollija f'idejn il-Qorti.[1] *(*Ara f'dan is-sens **"Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie et"** P.A. – 22 ta' Jannar 1999).

Illi t-talba sabiex gid immobbli mizmum minn ghadd ta' sidien jinbiegh b'licitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-principji ewlenin li jsawru l-istitut tal-ligi li titkellem dwar gid komuni. Fost dawn il-principji, hemm il-principju assodat li kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni indivizi in natura. **(artikolu 502 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** u l-bejgh in licitazzjoni huwa rimedju eccezzjonali ghal din ir-regola.[2] Inoltre`, hadd ma jista' jigi

---

[1] Artikolu 521(1) tal-Kap 16.
[2] Ara ad ez. Sentenza tat-22 ta' Dicembru, 1948, moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Nazzareno Xuereb vs Giovanni Dimech et"** citata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-On. Qorti ta' l-Appell fil-kaz "**Nicholas Jensen Testaferrata pro et noe vs in-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono pro et noe**. et – dec.fid-29 ta' April 2005; App Civ:5.3.1954

mgieghel li jibqa' jzomm haga in komun ma' haddiehor. (**Artikolu 496 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Il-Qorti ghandha tinvestiga jekk il-beni indivizi huma komodament divizibbli. F'dan l-ezercizzju, l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li tordna ekwiparazzjoni fi flus, jew anke bl-imposizzjoni ta' renta, fejn l-ishma ma jirrizultawx indaqs. (**artikoli 505 u 506 tal-Kap 16**).

Fil-kaz **"Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech"** P.A.- 8 ta' Marzu 1983 intqal:

"*Meta beni komuni jistghu jigu divizi bejn il-komproprjetarji, it-terminazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mezz ta' divizjoni. Jekk il-beni in komuni ma jistghux jigu maqsuma komodament u bla diskapitu, dawn il-beni ghandhom jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom."*

F'dan l-istess kaz, gie kkwotat il-kaz **"Speranza Vella vs Antonio Sciberra noe"**. P.A. 6 ta' Marzu 1948, fejn gie ritenut li:

*"Meta l-beni ma jistghux jinqasmu komodament minghajr ekwiparazzjonijiet esagerati u sproporzjonati, ghandhom jigu licitati."*

Fil-kawza **"Herbert Conti vs George Tonna"** P.A. 24 ta' Marzu 1983 inghad:

*"Mill-banda l-ohra **l-artikolu 552 tal-Kodici Civili** jipprovdi li jekk il-beni in komun ma jkunux jistghu jigu maqsuma bla*

---

fil-kawza fl-ismijiet **Baldacchino et vs Baldacchino** (Koll.Vol:XXXVIII.105) u P.A. 2.3.1959 fil-kawza fl-ismijiet **Fleri vs Portelli**(kollez. Vol.XlIII.ii.657)

*xkiel u bla hsara, u ma tkunx tista' ssir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti, izda tal-istess valur, dawn il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom." (*Ara wkoll **"Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie et"** P.A. – 22 ta' Jannar 1999).

**Applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami.**

Fil-kaz odjern, l-opinjoni li l-fond in kwistjoni mhuwiex komodament divizibbli hija sorretta bil-perit mahtur mill-Qorti. Fil-kaz in ezami, jidher car li *in vista* tad-daqs tal-fond mertu tal-kaz u tan-numru ta' komproprjetarji, jidher car li l-ahjar mezz hija dik ta' bejgh b'licitazzjoni.

***Fattispecie* tal-kaz:**

Jirrizulta permezz ta' testament pubbliku datat 14 ta' Frar 1984 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel (fol 6-7), li l-konjugi Baldacchino hallew lil ghaxart itfal taghhom bhala eredi universali fi kwoti ndaqs bejniethom. Illi Anna Baldacchino mietet sussegwentement, fl-Awstralja, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt esebit (fol 113). Hija ghamlet testament fl-Awstralja datat 13 ta' Mejju 1997 (fol 8-9) li bih iddosponiet dak li kienet tipposjedi fl-Awstralja.

In segwitu, rrizulta li xi whud mill-ghaxar ulied mietu. Illi l-ulied li ghadhom hajjin kollha ghandhom sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/10) kull wiehed.

Joseph Baldacchino miet u halla sitt itfal bhala eredi tieghu; Paul, Julie, David, Mark u John Baldacchino u Carol Haldenby. U dan ifisser li huma ghandhom kwoti ta' wiehed minn sittin (1/60) kull wiehed.

Illi Mario Baldacchino miet qabel ommu Anna Baldacchino u halla tlett itfal bhala eredi tieghu; Mark Baldacchino, Belinda Pawley u Tanya Sullivan ghandhom kwota ta' wiehed minn tletin (1/30) kull wiehed.

Fil-kaz ta' dawn id-disat itfal, bhala eredi tad-defunti missierhom, dawn l-ulied kienu ddikjaraw li wirtu sehem missierhom mid-dikjarazzjoni *causa mortis*. (fol 11).

Irrizulta wkoll li Doris Borg u George Baldacchino mietu wara Anna Baldacchino. Izda, *stante* li kienu jghixu barra ma jirrizultax min kienu l-werrieta taghhom. U ghalhekk, l-eredita gjacenti taghhom hija ekwivalenti ghal sehem ta' 1/10 tal-fond in kwistjoni.

Illi Joan Mercieca mietet fit-30 ta' Marzu 1984, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha esebit a fol 119. In segwitu, wirtu sehmha mill-wirt tal-genituri taghha, l-atturi, Stephen Mercieca, Catherine Anne Mercieca u Dr. Christopher Mercieca, li ghandhom sehem ta' wiehed minn tletin (1/30) kull wiehed.

Dan kollu gie kkonfermat fin-nota tal-atturi dwar l-ishma rispettivi tal-partijiet. (fol 157-160), u fil-fatt, l-ishma rispettivi tal-partijiet jinsabu elenkat a fol 159- 160 tal-process. Din il-Qorti ser takkolji din in-nota, flimkien mal-provi kollha u dokumenti esebiti fl-atti, *ai fini* ta' l-ishma appartenenti lil kull wiehed mill-komproprjetarji tal-fond mertu tal-kaz in ezami. Din in-nota specifikament ipprezentata mill-atturi, hija inkontestata mill-partijiet u ghalhekk qed tigi affermata fl-intier taghha rigward l-ishma u l-kwoti appartenenti lill-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tiddikjara li l-fond 24, Triq l-Oratorju Qormi, m'huwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom.

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-kontendenti huma proprjetarji indivizi tal-fond bin-numru 24, Triq l-Oratorju Qormi.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-ishma rispettivi tal-kontendenti mill-fond in mertu huma dawk elenkati fil-prospett esebit mill-atturi senjatament a fol 159 u 160 tal-process, liema prospett ghandu jitqies li huwa parti integrali mid-dispozittiv f'din is-sentenza.

3. Tilqa' t-tielet talba tal-atturi billi jirrizulta li l-imsemmi fond mhux komodament divizibbli.

4. Tilqa' r-raba' u l-hames talbiet tal-atturi u tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni bil-procedura mfissra mil-ligi ghall-bejgh bl-irkant, tal-fond deskritt fir-rikors promotur, u kif deskritt fir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, bil-prezz stabbilit abbazi tal-valur moghti mill-Perit Tekniku fl-ammont ta' hamsa u sebghin elf ewro (€75,000). Ir-rikavat jigi maqsum bejn il-kontendenti skont l-ishma rispettivi taghhom, cjoe` wiehed minn ghaxar partijiet (1/10) lil Concetta Maria Baldacchino, wiehed minn tletin (I/30) partijiet kull wiehed lit-tlett atturi rimanenti, wiehed minn ghaxar (1/10) partijiet lil Josephine Tanti, Paul Baldacchino (bin Carmel), Rita Depater, u Anthony

Baldacchino kull wiehed, wiehed minn ghaxra (1/10) kull wiehed favur l-ereditajiet gjacenti ta George Baldacchino u ta' Doris Borg. L-intimati l-ohrajn, David Baldacchino, Carol Haldenby, Julie Baldacchino, Mark Baldacchino, John Baldacchino, u Paul Baldacchino, wiehed minn sittin (1/60) partijiet kull wiehed u l-intimati Belinda Pawley, Tanya Sullivan, u Mark Baldacchino (bin Mario) wiehed minn tletin (1/30) partijiet kull wiehed

Tordna li l-bejgh b'licitazzjoni jsir **fid-29 ta' April 2016 f'nofsinhar** fil-bini tal-Qorti u kull parti jkollha d-dritt li titlob li l-barranin jigu mistiedna sabiex joffru fil-bejgh b'avviz mahrug f'gurnal lokali wiehed, mill-anqas sitt (6) ijiem qabel il-jum imholli ghall-bejgh.

**L-ispejjez jithallsu mill-partijiet skont il-kwoti ereditarji rispettivi taghhom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**